**Nru. 782**

**L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR**

**Applikazzjoni li għandha bżonn Stima tal-Impatt fuq l-Ambjent
Avviż skont Sezzjoni 8(5) tar-Regolamenti dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent
(Avviż Legali 114 tal-2007)**

L-APPLIKAZZJONI imsemmija hawn taħt teħtieġ stima tal-impatt ambjentali. L-applikazzjoni hija miġbura skont il-lokalità u tinkludi n-numru tal-applikazzjoni, it-titlu tal-iżvilupp u l-isem tal-applikant. Il-pubbliku jista' jara l-applikazzjoni hawn taħt imsemmija fl-uffiċċju tal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, il-Furjana waqt il-ħinijiet tax-xogħol.

Il-pubbliku hu mistieden jibgħat kummenti bil-miktub lill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, St. Francis Ravelin, il-Furjana, dwar materji li jkun jixtieq li jiġu inklużi fl-Istima tal-Impatt Ambjentali. Is-sottomissjonijiet għandu jkollhom id-dettalji tal-applikazzjoni kif jidhru hawn taħt. Il-kummenti għandhom jaslu l-Awtorità sa mhux aktar tard mit-Tnejn 23 ta' Awwissu 2010. Aktar informazzjoni tinsab fuq il-*website* tal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar: http://www.mepa.org.mt/permitting-ea-main

Sottomissjonijiet jintlaqgħu wkoll fuq eiamalta@mepa.org.mt

Sa Maison, il-Furjana GFE 00001/10

Proposta ta' yacht marina f'Sa Maison, il-Furjana

Dott Stanley Portelli f'isem Transport Malta
(l-Awtorità ta' Malta għat-Trasport)

It-30 ta' Lulju, 2010

**No. 782**

**MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY**

**Application that Requires an Environmental Impact Assessment
Notice in accordance with Section 8(5) of the Environmental Impact Assessment (2007) Regulations (Legal Notice 114/2007)**

THE following development permit application is subject to an Environmental Impact Assessment. The application is set out by locality and includes the MEPA number, title of the development and the name of the applicant. Copies of this application can be seen at the offices of the Malta Environment and Planning Authority in Floriana, during office hours.

The public is advised to submit in writing to the Malta Environment and Planning Authority, St. Francis Ravelin, Floriana, any issues it wishes to see included in the Environmental Impact Assessment. Submissions should contain details of the application as given below. All submissions are to reach the Malta Environment and Planning Authority by not later than Monday 23rd August 2010. More information can be obtained from the MEPA website: http://www.mepa.org.mt/permitting-ea-main

Submissions are also received at eiamalta@mepa.org.mt

*Sa Maison, Floriana GFE 00001/10*

*Proposed yacht marina at Sa Maison, Floriana*

*Dr Stanley Portelli obo Transport Malta
(Authority for Transport in Malta)*

30th July, 2010

**Nru. 783**

**ORDINANZA (GĦELUQ) DWAR IL-ĠONNA PUBBLIĊI
(KAP. 34)**

**Il-Ġonna ta' Herbert Ganado**

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-setgħa mogħtija lilu bl-Artikolu 2 tal-Ordinanza dwar l-Għeluq ta' Ġonna Pubbliċi (Kap. 34) il-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali approva li nhar is-Sibt u l-Ħadd, 7 u 8 ta' Awwissu 2010, il-Ġonna ta' Herbert Ganado, mill-4.00 p.m. 'il quddiem ikunu magħluqa għall-pubbliku u jkunu taħt il-kontroll taċ-Ċentru għall-Kreattività, Kavalier ta' San Ġakbu.

It-30 ta' Lulju, 2010

**No. 783**

**PUBLIC GARDENS (CLOSING) ORDINANCE
(CAP. 34)**

**Herbert Ganado Gardens**

IT is notified for general information that as enabled by Section 2 of the Public Gardens (Closing) Ordinance (Cap. 34) the Ministry for Resources and Rural Affairs has approved that on Saturday and Sunday, 7th and 8th August 2010, from 4.00 p.m. onwards Herbert Ganado Gardens will be closed to the public and will be under the control of the Centre of Creativity, St James Cavalier.

30th July, 2010